KUNSILL LOKALI | LOCAL COUNCIL

KALKARA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 011/2019

19 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (1)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgha

### 11.1 Qari ta' ittri ta' apologija

11.1.1 Ma kienx hemm

### 11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

11.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 10 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqtant gew meqjusa bhala moqrija

11.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-minuti ġew approvati nem.con

### 11.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi aktar tard matul l-istess seduta kienet ser tkun qieghda tigi diskussa l-materja ta' contracts manager u eventwalment jittiehdu decizjonijiet.

11.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien ghamel ezercizzju ta' verifika u kien ser ikun qieghed jirrakkomanda illi jinqatghu certi spejjez rikorrenti li fl-opinjoni tieghu setghu jigu evitati. Is-Sur Aquilina sahaq illi fir-rigward hekk kif ikun lest l-imsemmi ezercizzju kien ser ikun qieghed jinforma lill-Kunsill Lokali bid-dettalji bil-ghan illi jittiehdu d-decizjonijiet mehtiega.

11.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kien iddiskuta mal-kuntrattur in-kwistjoni kienu gew mibdula xi haddiema li kellhom x'jaqsmu mal-gbir ta' skart domestiku imhallat. Dan wara li kienet ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar nuqqasijiet tal-individwi li kienu qieghdin joffru s-servizz precedentement.

11.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm rigward applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta b'konnessjoni mal-fondi li l-Kunsill Lokali kellu disponibbli mill-agenzija LESA, liema applikazzjoni kienet giet milqugha.

11.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fl-opinjoni tieghu, kellu jkun hemm meljorament fid-disponibilita' u l-accessibilita' tal-Kunsilliera meta jkun hemm impenji tal-Kunsill Lokali.

10.3.8 Is-Sindku kkomunika mal-Kunsilliera illi wara li kien ikkonsulta mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera responsabbli kienu ttiehdu s-segwenti decizjonijiet :

- Bil-ghan illi ma jinholoqx precedent ma kelliex tigi milqugha talba sabiex Triq il-Progress issir *residential only* ghall-vetturi.

- Kienet ser tkun qieghda tinhareg works order lil Infinite fusion sabiex tigi introdotta sistema ta' streaming on demand ta' seduti tal-Kunsill Lokali. Dan bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun konformi mal-ligi.
- Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien ser ikun qieghed jiltaqa' mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi jigi diksuss zbilanc finanzjarju tal-Kunsill Lokali ghas-sena finanzjarja 2018.
- Kellu jinhareg avviz lill-kuntrattur tal-gbir ta' skart minhabba nuqqas li kien gie rrapurtat minn membru tal-Kunsill Lokali stess.
- Kienet ser tkun qieghda tithallas is-somma ta' erbghin ewro bil-ghan illi l-kunsill Lokali, bhall-bqija tal-Kunsilli Lokali tal-Kottonera jissieheb f'inizjativa li tara l-holqient a' web portal gdid dwar il-kottonera.

## 11.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.4.1 Is-Sur Vincent Bongailas informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' dak li kien ghadu kemm sahaq is-Sindku, min-naha tieghu xtaq jiddikjara illi fil-hames xhur li kienet ilha l-legislatura, kienet biss darba wahda li s-Sindku kien baghat ghalih ghal impenn tal-Kunsill Lokali

11.4.2 Is-Sur Vincent Bongailas, filwaqt li pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali xi ritratti, qal illi xtaq jigbed l-attenzjoni rigward gebel li kien qieghed jaqa' mis-Sur fi Triq Santa Liberata u dwar *traffic calmers* li xtaq illi jigu implimentati fl-istess Triq Santa Liberata.

11.4.3 Is-Sur Vincent Bongailas talab lis-Sindku jinforma lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm il-hsieb illi jsiru pedestrian crossings fi Triq il-Kappucini.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fit-triq imsemmija kien hemm pedestrian crossings illi diga' kienu gew approvati mill-awtorita' responsabbli u kienu ser jigu implimentati.

11.4.4 Is-Sur Vincent Bongailas staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm il-hsieb illi jsir aktar infurzar fuq il-kuntratt tal-gbir ta' skart domestiku imhallat u skart domestiku organiku.
Is-Sindku informa lis-Sur Bongailas illi b'konnessjoni mal-materja kellu jkun l-impjegat il-gdid illi jara illi jkun hemm monitoragg u infurzar adegwat fuq is-servizz imsemmi

11.4.5 Is-Sa. Maria Sultana infurmat lill-Kunsill Lokali b'attivitajiet li kienu gew ikkordinati sabiex setghet issir attivita ta' tindif fil-bajja ta' Rinella. Fir -rigward, is-Sa. Sultana sahqet illi kienet ikkollaborat bis-shih l-iskola primarja tal-Gvern tal-Birgu.

11.4.6 Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi zviluppi rigward tarag li kellu jsir fi Triq San Guzepp u xogholijiet f'toroq b'mod partikolari marbuta ma permessi.

Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bi zviluppi u informazzjoni li kellu dwar iz-zewg materji

11.4.7 Il-Kunsilliera Maria Sultana filwaqt li qalet illi kellha feedback tajjeb b'konnessjoni ma' inizjativa illi permezz taghha kienu tpoggew numru ta' planters fil-lokalita', semmiet modifiki li fl-opinjoni taghha kellhom isiru fuq planters ezistenti b'mod partikolari fi Triq il-Missjoni Taljana
Is-Sindku qal illi kien ser ikun qieghed jevalwa l-proposta tas-Sa. Sultana li fl-opinjoni tieghu kienet valida.

11.4.8 Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet lis-Sindku jekk setax isir xoghol ta' manutenzjoni f'bandli li kien hemm fil-promenade.
Is-Sindku, meghjun mill-Kunsilliera, wara diskussjoni libera, informa lis-Sa. Sultana illi kienet ser tkun qieghda tintbaghat korrispondenza lil MCCAA dwar il-materja. Dan bil-ghan illi jigi stabbilit jekk il-bandli kienx sigur bizzejjed biex jibqa' accessibbli.

11.4.9 Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet lis-Sindku jekk kienx possibbli illi l-Kunsill Lokali jiehu hsieb inaddaf culverts, b'mod partikolari mal-promenade wara l-maltemp.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jiehu hsieb illi x-xoghol imsemmi isir permezz tal-haddiema assenjati.

11.4.10 Il-Kunsilliera Speranza Chircop staqsiet lis-Sindku jekk setghux jigu rrangati planters ghal Triq il-Missjoni Taljana.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera Chircop illi l-materja kienet diga' giet diskussa aktar kmieni waqt l-istess seduta..

11.4.11 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda taghmel l-arrangamenti mehtiega sabiex matul Dicembru 2019 issir harga kulturali fejn ir-residenti jittiehdu jaraw xi presepji.

## 11.5 CCTV - Triq ix-Xatt

11.5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar installazzjoni ta' CCTV cameras fi Triq ix-Xatt. Is-Sur Aquilina sahaq illi kien hemm il-possibilita' illi l-istess CCTV cameras jigu installati u sorveljati mill-Agenzija LESA. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellha tintbaghat korrispondenza bil-ghan illi kemm il-darba jigi stabbilit illi l-inizjativa kienet konformi ma' General Data Protection Regulations il-proposta timmaterjalizza. Il-Kunsill Lokali kellu jinzamm aggornat.

## 11.6 Contracts Manager

11.6.1 Is-Sindku qal hekk kif maqbul, il-Kunsill Lokali kien hareg sejha interna ghal ingagg ta' impjegat fuq bazi part-time fi skala 11, bil-ghan illi jsir xoghol ta' *contracts*

*manager*. Is-Sur Aquilina sahaq illi fir-rigward wara li kienet inharget sejha interna, il-Kunsill Lokali kien ircieva applikazzjoni wahda. Fir-rigward, wara li kienet saret interview lill-istess applikant, il-bord mahtur mill-Kunsill Lokali kien qieghed jirrakkomanda illi l-impjieg jinghata lis-Sur Brian Loffreda.
Wara diskussjoni qasira, is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord kellha u s-Sur Loffreda jigi impjegat mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Is-Sa. Speranza Chircop issekondat il-proposta tas-Sindku u kien hemm votazzjoni unanima.

**11.7 Deputat Segretarju Ezekuttiv**

11.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi t-terminu tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kie wasal biex jaghlaq u l-Kunsill Lokali kellu jiddeciedi jekk kienx ser jestendti l-istess terminu.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi t-terminu tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kellu jigi estiz.

**11.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

11.8.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru10/19) ghall-approvazzjoni.

11.8.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**11.9 Mozzjonijiet**

11.9.1 Ma kienx hemm

**11.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

11.10.1 Is-Seduta ntemmet fis-7:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-20 ta' Dicembru 2019 fl-4:00p.m.

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Deputat Segretarju |
| Eżekuttiv | |